**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Jannar, 2016

Rikors numru : 453/2015 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Marzu 1996 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal ossia K u L;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dr. Reuben Debono tal-1 ta' Gunju 2010, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghal dawn l-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment dovut ghal minuri, filwaqt li l-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu/jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tippronunzja l-ħall taż-żwieg, ezistenti bejn il-partijiet ;
b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża d-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Gunju 2010;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.